## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 90/2022: **L-AVUKAT JOSEPH ELLIS (KI. 21763G) U L-PROKURATUR LEGALI VERONICA ROSSIGNAUD (KI. 271354M) V. IR-REĠISTRATUR TAL-QORTI (MALTA)**

(AZZJONI TA’ RITASSA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**20 ta’ Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors tal-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud (“ir-rikorrenti”) ippreżentat fit-12 ta’ April 2022[1] li permezz tiegħu ppremettaw u talbu s-segwenti:

[1] Fol 1-3

Illi huma nħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Warren David Baker kif ukoll lill-assenti Jon Eric Effinger permezz ta' digriet tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-2 ta' Marzu, 2015 fil-kawża fl-ismijiet "Gonzalo Jose Gomez Perez, detentur tal-Passaport Spanjol numru XDA501881 u ta' residence document MT 1455431 bħala mandatarju tas-soċjetà estera Catapult Holding Inc vs. Dr Joseph Ellis u l-PL Veronica Rossignaud li b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2015 ġew nominati kuraturi deputati għan-nom tal-assenti Warren David Baker u għan-nom tal-assenti Jon Eric Effinger" (Rikors Maħluf Numru: 115/15 LM).

Illi l-esponenti ma rnexxielhomx jagħmlu kuntatt mal-assenti għalkemm kemm il-darba żammew lill-avukat li kien qed jassistihom fi proċeduri arbitrali f'Malta infurmat b'dak li kien għaddej f'dina l-kawża. Illi l-kawża msemmija ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru 2016 kontra l-assenti.

Illi minkejja n-nuqqas ta' awtorizzazzjoni espliċita minħabba li ma kienx hemm kuntatt mal-assenti l-esponenti ħassew illi għandhom jissalvagwardjaw l-interessi tal-assenti billi jinterponu appell mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Illi mingħajr ma kienu jafu l-esponenti, l-assenti inkarigaw lill-avukat Kevin Camilleri Xuereb sabiex jirrappreżentahomm fil-proċeduri msemmija. Illi l-imsemmi avukat Camilleri ppreżenta appell ieħor u ppreżenta rikors sabiex jiġi rikonoxxut mandatarju u l-esponenti jiġu estromessi minn dawn il-proċeduri, liema rikors intlaqa' fit-12 ta' Diċembru 2016.

Illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Diċembru 2020, l-intimat Reġistratur irrilaxxa t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż tar-rikorrenti fil-kawża surreferita hawn allegata bħala Dok. "A" u għoġbu jintaxxa id-dritt tal-esponenti għall-proċedura tal-appell fl-ammont ta' € 310 u € 103.33 rispettivament mentri ntaxxa d-dritt ekwivalenti tal-avukat Kevin Camilleri Xuereb fl-ammont ta'€ 5,249.87 u € 1,749.96 bħala dritt dovut lill-prokuratur legali.

Illi l-esponenti jidrilhom illi dina t-taxxa hija żbaljata fir-rigward tad-dritt intaxxat lill-esponenti fil-proċedura tal-appell għax jissottomettu bil-qima illi kellu jiġi applikat artiklu 33 i tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 u jiġi ntaxxat terz tad-dritt normali dovut u l-istess japplika għad-dritt tal-p.l. li ppreżenta r-rikors tal-appell.

Għaldaqstant, l-esponenti, għall-imsemmi raġuni u għal oħrajn illi jistgħu jitressqu fil-kors ta' dawn il-proċeduri, bil-qima jitolbu r-riforma tal-imsemmija taxxa kif premess.

wara li rat ir-rikors ulterjuri tar-rikorrenti ppreżentat fil-25 ta' April 2022[2] li permezz tiegħu ppremettaw u talbu s-segwenti:

---

[2] Fol 4

Illi in addizzjoni mat-talbiet dedotti mill-esponenti fir-rikors suċitat għar-riforma tat-taxxa in kwistjoni, l-esponenti jidrilhom illi dina t-taxxa hija żbaljata ukoll fir-rigward tad-dritt intaxxat bħala dritt reġistru appell Dr. J. Ellis fl-ammont ta' € 650 stante illi l-appell intavolat mill-esponenti ġie ppreżentat fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati u allura, l-ebda dritt m'hu dovut lir-Reġistru mill-esponenti fil-kwalità tagħhom premessa.

Għaldaqstant, l-esponenti, għall-imsemmi raġuni, bil-qima jitolbu ukoll ir-riforma tal-imsemmija taxxa kif hawn indikat.

wara li rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ("l-intimat" jew "ir-Reġistratur intimat") ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2022[3] li permezz tagħha fost oħrajn ressaq l-eċċezzjoni preliminari segwenti:

5. Illi **preliminarjament** l-esponenti jsostni li din il-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' rikors magħmul ai termini tal-art. 64 (Kap. 12) f'każ ta' taxxa mahduma wara deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell izda hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li għandha din is-setgħa u dan kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Debono vs Muscat*** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu 1904:-

> "la tassazione o liquidazione delle spese giudizarie è atto del registratore e non della Corte che avesse deciso la causa, ed in conseguenza la domanda per la correzione di una tassa, costituendo una causa di natura civile è giudicabile dalla Prim'Awla"

6. Illi għaldaqstant konsegwentement, din l-Onorabli Qorti għandha tibgħat dawn l-atti quddiem il-Prim' Awla kif jipprovdi l-art. 741(b) tal-Kap. 12.

wara li rat in-nota ta' sottomissjonijiet fuq l-eċċezzjoni tal-kompetenza magħmula għan-nom

- tar-Reġistratur intimat, mill-Avukat Dr. Vanessa Grech,
- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Gabriel Farrugia,

wara li rat l-atti proċesswali l-oħra,

qed tagħti dan id-

## Digriet

[3] Fol 9-11

1. Dan ir-rikors b'talba għal ritassa ġie intavolat ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

> **'64. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.**
>
> **(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.**
>
> **(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.'**

2. Ir-ritassa mitluba hija tat-taxxa tad-drittijiet u l-ispejjeż maħduma mir-Reġistratur intimat fl-1 ta' Marzu 2022 maħruġa lir-rikorrenti wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet: **Gonzalo Jose Gomez Perez noe. v. Dr. Joseph Ellis et.** (Rik. Nru. 115/2015/1, 01/12/2021).

3. Ir-Reġistratur intimat jisħaq illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors iżda għandha tkun il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li għandha din is-setgħa. In sostenn huwa jiċċita *in primis* is-sentenza fl-ismijiet **Debono v. Muscat** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 1904 fejn il-Qorti kienet qalet illi:

> *"la tassazione o liquidazione delle spese giudizarie è atto del registratore e non della Corte che avesse deciso la causa, ed in conseguenza la domanda per la correzione di una tassa, costituendo una causa di natura civile è giudicabile dalla Prim'Awla"*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet huwa kkwota ukoll żewġ sentenzi oħra. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet: **Av. Chris Said et. noe. v. Mary Abela pro. et. noe** (Rik. 317/2010 JAB) ingħad hekk:

> *"Permezz tan-nota sottomessa minnha, Mary Abela issostni, anke permezz ta' gurisprudenza hemm citata bl-ahhar wahda ricenti moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Lulju 2004 (ara fol 14 u fol 15 ibid). Hawnhekk gie ritenut illi kawza ta' ritassa hi ta' kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, indipendentement mill-Qorti li tkun iddecidiet finalment il-kawza, relatata mat-*

*taxxa tal-ispejjes kontestata. Ghalhekk jidher li l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa minn Mary Abela ghandha tigi akkolta"*

Is-sentenza l-oħra hija proprju dik ċitata fil-bran preċedenti li ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fid-29 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet: **Emanuel Buttigieg noe et v. Anthony Cauchi pro et. noe. et.** (App Ċiv Nru. 39/1992/2). Hemmhekk il-Qorti qalet hekk:

*"Imbaghad fil-kawza Giovanni Galea vs Concetta Galea deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 1920 din il-Qorti kinet irriteniet li kawzi ta' ritassa ma jigux proposti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (dak iz-zmien, il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tieghu ir-Re) izda quddiem il-Qorti ta' Prim Istanza, u dan minkejja li l-kawza tkun tirrigwarda taxxa rilaxxata mir-Registratur in segwitu ghal kawza deciza mill-istess Qorti ta' Appell, u dan peress li l-kompetenza ta' din il-Qorti hi effettivament arginata bil-ligi... Ma jidher li jezisti l-ebda provvediment tal-ligi li jipprovdi li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 64 ghandha ssir quddiem il-Qorti ta' l-Appell.* ***L-azzjoni a bazi ta' l-Artikolu 64 hija separata w indipendenti mill-proceduri li jkunu gew decizi*** (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti)*, in kwantu fiha l-Qorti tintalab biex tikkunsidra xi haga li grat wara d-determinazzjoni tal-kontestazzjoni li kellha quddiemha bejn il-kontendenti, f'dan il-kaz l-intaxxar tad-drittijiet u l-ispejjez tal-partijiet u l-hrug tat-taxxa relattiva da parti tar-Registratur. Ghalhekk din il-Qorti mhix kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba tal-partijiet."*

4. Wara li eżaminat il-ġurisprudenza fir-rigward[4] inkluż is-sentenzi ċitati mill-intimat u mir-rikorrenti fin-noti rispettivi tagħhom, il-Qorti rat illi huwa ċar illi ġaladarba azzjoni għar-ritassa hija totalment indipendenti mill-proċeduri li jkunu ġew deċiżi u li abbażi tagħhom tkun ħarġet it-taxxa impunjata, tali azzjoni hija waħda li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti ta' prim istanza li tkun kompetenti *ratione valoris*. Huwa l-valur **biss** li jiddetermina tali ġurisdizzjoni: ċioe jekk il-valur **tal-ammont mitlub** (mhux il-valur impunjat) jkun sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) l-azzjoni tkun taqa' taħt is-setgħa tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) filwaqt jekk il-valur jkun tal-ammont ta' €15,001 'l fuq l-azzjoni taqa' taħt is-setgħa tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

---

[4] Ara pereżempju **Anthony Formosa v. L-Avukat Joseph Ellis et.** (Qorti tal-Appell, Rikors numru 472/2013, 05/10/2018) u **Valcall Limited v. Dr. Tonio Azzopardi et** (Qorti tal-Appell, Rikors numru 1981/2005/1, 21/02/2007) fejn il-Qorti qalet: *"l-att ta' impunjattiva mhux bilfors isir quddiem dik l-istess Qorti li tkun emaniet il-kundanna jew fejn l-atti gew ceduti. Anzi, dik l-impunjattiva hi sottoposta ghar-regola komuni tal-kompetenza ghar-raguni ta' materja jew ta' valur, indipendentement mic-cirkustanzi tal-kundanna*" u **Victoria Cacciattolo et. v. Maryanne Attard et.** (Qorti tal-Appell, Rik Nru Rikors numru 76/2004, 27/03/2020) fejn ingħad illi: "*huwa ormai stabilit fil-ġurisprudenza illi l-kompetenza tal-qorti li tqis talba taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tiddependi mill-valur*"

5. Il-Qorti qieset li f'dawk is-sentenzi fejn din il-Qorti ddeterminat li m'għandiex ġurisdizzjoni biex tisma' kawżi ta' ritassa indipendentement mill-valur tat-taxxa, il-Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi u tal-ġurisprudenza. Hekk per eżempju ġara fis-sentenza ċitata mill-intimat fl-ismijiet **Av. Chris Said et. noe. v. Mary Abela pro. et. noe** (Rik. 317/2010 JAB) fejn it-taxxa kontestata kienet inħarġet b'riferenza għal kawża li kienet maqtugħa mill-Qorti tal-Appell. Id-dritt tal-avukat kien ġie intaxxat fl-ammont ta' tlett elef u mitt euro (€3,100) mentri skond ir-rikorrenti dan kellu jkun sitt elef disa' mija u erba' u sittin euro (€6,964). Dak iż-żmien il-kompetenza ta' din il-Qorti kienet sal-valur ta' € 11,646.87 u għalhekk kellha tkun il-Qorti tal-Maġistrati li tisma' l-kawża. Dik il-Qorti pero' għal xi raġuni jew oħra kienet ikkwotat b'mod żbaljat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tad-29 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet: **Emanuel Buttigieg noe et v. Anthony Cauchi pro et. noe. et.** (App Ċiv Nru. 39/1992/2) – kwotata ukoll b'mod erronju mill-intimat fin-nota tiegħu fil-kawża odjerna – u ddeċidiet illi hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li għandha ġurisdizzjoni li tisma' kawża ta' ritassa. Issa kif ġa rajna għalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Appell fil-kawża appena ċitata kienet iddeċidiet illi f'dik il-kawża kellha tkun il-Prim' Awla li jkollha l-ġurisdizzjoni, dan għamlitu f'kuntest **differenti** għaliex hemmhekk il-kwistjoni kienet jekk l-azzjoni ta' ritassa kelliex issir quddiem il-Prim' Awla jew quddiem il-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrenti f'dik il-kawża kienu ddeċidew illi jintavolaw l-azzjoni ta' ritassa quddiem il-Qorti tal-Appell fejn talbu lill-istess Qorti tordna li "*d-drittijiet u spejjez jiġi ntaxxati mill-ġdid fuq il-valur ta' mitt elf lira Maltija (Lm100,000)*". Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ġustament iddeċidiet illi l-azzjoni ta' ritassa hija totalment separata mill-proċeduri li kienu ġew deċiżi mill-Ewwel Qorti, u għalhekk din kellha tkun intavolata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili proprju għaliex kienet il-Qorti ta' Prim Istanza li kienet kompetenti *ratione valoris* (u mhux *ratione materiae!)* li tismagħha.

6. Mill-bqija s-sentenzi l-oħra ċitati mir-Reġistratur intimat fin-nota tiegħu jdgħajjfu u mhux isostnu l-argument tiegħu peress illi f'tali sentenzi l-Qorti kienet iddeċidiet illi hija l-Prim' Awla li għandha ġurisdizzjoni mhux għaliex dik il-Qorti għandha xi ġurisdizzjoni esklussiva li tagħmel hekk iżda għaliex fil-*fattispecie* ta' dawk il-kawżi kienet il-Qorti tal-Ewwel Istanza li kellha l-ġurisdizzjoni *ratione valoris*.

7. Fil-kawża odjerna r-ritassa mitluba hija tat-taxxa tad-drittijiet u l-ispejjeż maħduma mir-Reġistratur intimat fl-1 ta' Marzu 2022 maħruġa lir-rikorrenti wara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fejn ir-Reġistratur intaxxa d-dritt tal-avukat u prokuratur legali rikorrenti fis-somma ta' €310 u €103.33 rispettivament mentri

dawn qed jinsistu li kellu jiġi intaxxat favur tagħhom terz tad-dritt normali dovut ai termini tal-Art. 33(i) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 li japplika għal meta avukat jabbanduna jew jiġi abbandunat mill-klijent (i.e. terz ta' € 5,249.87 u € 1,749.96 rispettivament). Ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll (permezz ta' rikors ulterjuri) illi l-ammont ta' dritt tar-Reġistru għall-appell intavolat mill-Avukat Dr. Joseph Ellis intaxxat fl-ammont ta' € 650 jiġi riformat għal €0 stante illi fil-fehma tagħhom l-ebda dritt m'huwa dovut lir-Reġistru.

8. L-ammonti kollha in kwistjoni jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni *ratione valoris* ta' din il-Qorti u għalhekk hija din il-Qorti illi għandha s-setgħa tisma' l-kawża u tiddeċiedi b'mod finali fuqha.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-eċċezzjoni preliminari ta' kompetenza mressqa mir-Reġistratur intimat billi tiċħadha, tiddikjara illi l-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni *ratione valoris* li tieħu konjizzjoni tar-rikors promotur u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu tal-istess rikors.**

**Bl-ispejjeż kontra r-Reġistratur intimat.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |